# Il-Kamra Nru D50

Audrey Rose Mizzi

Kienet tfajla kwieta. Ma ddejjaq lil ħadd u ħadd ma jdejjaqha. Kienet tfalja b'għajnejha kannella u xagħarha tal-istess kulur; samranija fis-sajf imma bajda karti fix-xitwa. Ħajjitha kemxejn mgħaġġla, minn ħaġa għall-oħra mingħajr nifs. "Qisha lukanda d-dar għalik," kienet tħambaq ommha meta tqatta' ġranet sħaħ 'il bogħod, xi kultant lanqas taraha b'nemes. "Kompli stinka u kompli gawdi," kien jgħidilha missierha.

Wasal iż-żmien li tmur tgħix għal rasha l-Ingilterra; ħolma li kienet ilha taħsibha. Bla ġuvni jdejjaqha ma' saqajha – qalbha magħluqa għall-imħabba – u b'kemxejn flus fil-kont tal-bank, marret u bdiet tgħix ġo dinja oħra. Pajjiż 'il bogħod minn Malta, iktar kiesaħ u ikbar. L-aħjar ħaġa, aqwa mill-oħrajn, li ftit minuti 'l bogħod, il-baħar kien jidher jaħtaf ir-ramel u dawk li għandhom il-bajd jinżlu f'Ottubru jgħumu għawma. Tifkira ta' darha.

Il-kamra kienet żgħira – biżżejjed. Kamra tal-banju m'hawnx aħjar minnha, sodda fir-rokna mal-ħajt kif tħobbha, skrivanija li ħa tqatta' ħafna ħin fuqha u fl-aħħar tieqa li kellha daqsxejn ta' bank ħelu, li jħares 'il barra. Hemm hu, fl-isfond il-kulur griż skur tal-baħar jirrifletti t-taqtigħa li bħalissa hemm fis-sema. Ċemplet lil ommha u 'l missierha

biex tgħidilhom li waslet qawwija u sħiħa. Tifla waħedha tagħmel dan il-pass xejn mhuwa faċli għall-ġenituri li dejjem ħabbewha u riduha tasal fejn huma qatt ma rnexxielhom. "Ibżax, tliet sigħat bl-ajruplan u tasal. M'aħniex bogħod," tgħidilhom biex isserrħilhom rashom li hemm kemm hemm mili, xorta kienu viċin iktar milli ħasbu. Qatgħet, kielet il-bezzun li kienet lestiet ommha fis-sigħat bikrin ta' filgħodu u ntefgħetlu għax l-għada trid tesplora l-post il-ġdid fejn tgħix. L-ewwel lejl kien daqsxejn kiefer għax lanqas liżar ma kellha s-sodda. Spiċċat torqod bil-ġakketta ħoxna u bil-piġama li tant kienet tobgħod. Imnalla ta' qabilha ħalla t-toilet paper, għax Alla jaf x'kien jiġri.

* * *

Ħarġet mill-kamra biex tmur fil-kċina – ħaqq insiet iċ-ċavetta ġewwa. Il-kuritur kien twil bi kmamar kull naħa qisu kuritur ta' vapur bħat-Titanic, b'kabina waħda fejn l-oħra kollha nnumerati – tagħha d-D50. Tħobbu numru bilanċjat u kien tajjeb għax kien għad kellha ħamsa u għoxrin sena – in-nofs. Fil-waqt ħarġet tfajla Tajlandiża – jisimha Mint – dlonk tħares lejha, konfuża min hi. "Jiena waħda mill-ħamsa li naqsam kċina miegħek." Eċitanti għax dejjem iltaqgħet ma' Ewropej imma din kienet se tkun avventura interessanti. Tgħidilha li bħalha ssakkret barra u li bħalha għandha bżonn tmur tkellem lil xi ħadd biex jerġa' jdaħħalha lura. U min hemm bdiet ħbiberija ma' barranija.

Il-kċina kienet kbira – għal ħames persuni biżżejjed. Kulħadd kellu xkaffa fil-friġġ u armarju li jissakkar. Inxteħtet fuq is-sufan griż li kien fir-rokna, tħares lejn il-bitħa li minnha jidher kollox xi tkun qed tagħmel fil-kċina. *Kemm hu komdu*, taħseb bejnha u bejn ruħha. *Kemm ħa nieħu pjaċir niekol filgħodu qabel ma nterraq lejn iċ-ċentru.*

Iċ-ċentru kien traffikuż kemm b'min kien jimxi, b'dawk li jazzardaw jiġru bir-roti, karozzi u tal-linji ġejjin minn kullimkien. Hemm hi l-faċċata tad-Dipartiment tal-Arti – sabitu fl-aħħar wara li ilha għaddejja nofsiegħa ddur mal-istess blokka. Ħuss, tirfisx fuq il-P u l-Ħ għax tfalli mill-eżamijiet kollha qabel tibda s-sena. Il-librerija pass 'il

bogħod u l-aħjar ħaġa l-ħwienet favoriti tagħha – wieħed għandu ħobż tajjeb għal prezz tajjeb (apparentement jagħti ħelwa b'xejn jekk turih il-karta tal-istudent) u l-ieħor mimli kotba tal-kitba. Iġġennet meta indunat li fejn ħa tqatta' x-xhur li ġejjin, kien hemm daż-żewġ ħwienet tant għal qalbha.

Terġa' lura f'kamritha – waslu l-kaxxi! Platti, taġnijiet u borom, pożati, srievet, xugamani u hemm huma – liżar għas-saqqu, quilt u l-imbierka mħadda. Il-kuluri li għażlet kienu għal qalbha – bluni – ifakkruha fit-temp Malti meta x-xemx tisreġ u lanqas sħaba ma tazzarda turi wiċċha. Poġġiet fuq is-siġġu. Ħarset madwarha – ferħana li waslet s'hawn u għall-avventura li għadha ġejja.

* * *

Iċ-ċentru kwiet. Taqa' labra, tismagħha. Il-gawwi jwerżaq u jgħajjat, iħanxar biex xi ħadd jagħtih l-ikel għax mejjet bil-ġuħ. In-nies għebu. Kulħadd iħares lejn xulxin, jitbissem għax dik hija l-ewwel persuna li raw fi ftit jiem, jew ġimgħat. Tikketti tondi li issa trid toqgħod fuqhom – inkella n-nies iħarsulek bl-ikrah – imwaħħlin ma' paviment antik. Fejn qatt kienu jobsru fejn ħa naslu f'temp ta' ftit xhur? Il-ħwienet magħluqa, supermarkets biss miftuħin. Il-ħanut tal-kotba kien magħluq – l-aħħar farka ta' ferħ mitlufa.

Terġa' lura fil-kċina bix-xirja li kemm jista' jkun għandha sservi ftit ġimgħat qabel ma terġa' toħroġ. *Laħlaħ kollox, tħalli xejn mhux mimsuħ. Il-basket imsħu wkoll, ma tafx x'jista' jġib miegħu. Missejt dak il-manku, aħsel idejk. Attenta mill-manku tal-friġġ, jintuża ħafna. Imsaħthom il-mejda u ż-żarbun? Kollox merfugħ. Missejt wiċċek – imma jdejk mimsuħin? Mhux aħjar taħsilhom it-tnejn? Ġie xi ħadd? Oqgħod 'il bogħod kemm jista' jkun.*

Il-kuritur bil-kmamar fuq naħa u oħra li kien qishom bħat-Titanic deher vojt għax min seta', kulħadd abbanduna kamartu qabel ma' ġie fgat bl-ilma. Kmamar li kienu jgħixu fihom sħabha issa ġew żgrumbrati u huma skeletri tan-nies li darba kienu qattgħu ħafna mill-

ħin tagħhom fihom. Xi ftit anke qishom imwaqqfin fil-ħin għax min telaq kellu jitlaq bl-għaġla. Hi ma setgħetx – kollox waqaf. Ajruplani, vapuri, ferroviji u karozzi – xejn. Titjira ta' ripatrijazzjoni waħda fill, sitt sigħat 'il bogħod – mimlija. Iddeċidiet li ħa tibqa' għax ir-riskju huwa ikbar jekk titlaq issa. U mhix se taqta' qalbha, mhux għalissa. Il-kamra tagħha kienet mimlija ħajja għad, qisha mużew. Imliet xi kaxxi u bagħtitihom id-dar, imma qalbha kienet għadha marbuta ma' post li kien offrielha opportunità biex tfittex dak il-vojt li dejjem kellha.

L-iljieli kienu kefrin, iktar mill-ewwel lejl. Ħsibijiet li jtaqqlu, emozzjonijiet li jħalluha pparalizzata. Kriżi eżistenzjali, waħda wara l-oħra. F'ġimgħa forsi torqod għaxar sigħat. It-tama bdiet dejjem tonqos – tiċkien. L-unika ħaġa li kienet reali kienet telefonata. Kuljum iċċempel lill-qraba tagħha – 'l ommha u lil missierha. Ommha ħaddiema fil-qasam tal-kura u sakemm issaqsiha kif inhi, titlob li m'għandha xejn. Missierha spiċċa xogħol u pensjonant – jibqa' d-dar. Il-familja kollha dejjem iċċempel – kull nhar ta' Sibt – grupp ta' sapport għax ħadd ma jista' jiltaqa'. Xi kultant kienet tilgħab b'dawn il-filtri – kelb, qattus, fenek, astronawta, buffu, minn kollox. Dejjem kienet togħxa meta ommha l-ewwel waħda tagħmilhom, imma dejjem tinsa kif tneħħihom allura l-familja tispiċċa tkellem xi fenka jew xi astronawta. Dawk kienu mumenti ħelwin. Kienet ukoll tirċievi kaxxi b'affarijiet minn Malta biex tibqa' tiftakar x'qed titlef – figolli, ħobża Maltija u pesto Taljan għax l-Ingliżi ma tantx iħobbuh. Tfakkira li jiġri x'jiġri, l-oriġini tagħha għadha b'saħħitha.

Il-ħamsa u għoxrin ma baqax jgħodd mad-D50 issa għax wasalna għal sen'oħra. Mixja fil-foresta dejjem iġġibha f'sensiha u llum kienet iktar speċjali għax kellha ċ-ċans titkellem magħha nnifisha, issir taf hi min hi u x'inhuma l-affarijiet li jagħmluha grata fil-ħajja li qed tgħix. Il-ħolma kienet importanti, imma l-univers dejjem għandu pjan. *Jekk temmen f'Alla wkoll għandu pjan għalik, imma ejja lura lejn art twelidek u jikkumpensak.*

Is-sħana ġa qed tħossha – imma għax għadha kemm neħħiet il-kotba li kellha fuq l-ixkaffa, il-lampa li tatha ħabiba Ġappuniża għax

ma setgħetx teħodha magħha, il-laptop li tant ħadmet fuqu, il-kikkri tal-kejl, il-frejm b'ritratt tal-gradwazzjoni m'ommha u missierha, il-ħwejjeġ kollha, il-kotba tal-kitba, globu b'baqra ħelwa titbissem, il-kamera tar-ritratti u l-bqija tal-oġġetti li żammewlha kumpanija. Il-kamra bħall-oħrajn ġiet skeletru. Titwila barra t-tieqa biex tara l-veduta għall-aħħar darba li tant kienet wens għaliha. Il-baħar issa blu ċar fl-isfond, jistedinha.

*Ġejja.*